# MINUTI

## Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 79

4 ta' April, 2018

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fil-11.05 ta' filgħodu.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Margaret Said – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 79

79.1 Tender SNTLC 01/2018 Resurfacing of Triq l-20 ta' Lulju and major patching in Triq Saguna, at Ta' Sannat with hot rolled asphalt

# Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 79.1 Tender SNTLC 01/2018 Resurfacing of Triq l-20 ta' Lulju and major patching in Triq Saguna, at Ta' Sannat with hot rolled asphalt

79.1.1 Is-Sindku qal lill-Kunsill li kellha tissejjaħ din il-laqgħa b'urġenza peress li l-bieraħ 3 ta' April 2018, il-bord tal-evalwazzjoni ta' Tender SNTLC 01/2018 Resurfacing of Triq l-20 ta' Lulju and major patching works at Triq Ta' Saguna at Ta' Sannat with hot rolled asphalt qal li din l-offerta kellha dokument mill-Bill of Quantities tal-major patching works at Triq Saguna with hot rolled asphalt nieqes u għalhekk din it-tender ma kienetx kompluta u eleġibli. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kunsilliera Cassar Sultana b'permezz ta' imejl nfurmatu li ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa b'urġenza peress li kellha mpenji oħra fuq ix-xogħol. Il-Kunsill laqa' din l-apoloġija tal-Kunsilliera Cassar Sultana. Wara s-Sindku qara r-rapport miktub mill-bord fejn ta' din l-ispjegazzjoni tiegħu għaliex din l-offerta għandha tiġi rtirata. B'hekk il-Kunsill qabel mall-bord u qal li din it-tender għandha tiġi kkanċellata u terġa toħroġ sejħa mill-ġdid fl-iqsar żmien possibli. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri preżenti biex fil-bord tal-evalwazzjoni jkun inkluż is-Sur Lawrence Darmanin bħala konsulent tekniku minn Transport Malta għal waqt l-evalwazzjoni tad-dokument tat-tender il-ġdid. Il-Kunsill preżenti qabel ma dan.

L-Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ attendiet għal din il-laqgħa wara li kważi l-laqgħa kienet spiċċat.

Il-laqgħa ntemmet fil-11.10 p.m.

Konfermati, illum 16 ta'April, 2018

| (iffirmata) | (iffirmata) |
|---|---|
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |